KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 59

L-EWWEL LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

It-Tnejn 20 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Francesca Attard – Viċi Sindku Għargħur
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI

Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Is-Sur Chircop feraħ lis-Sindku l-ġdida ta' Ħal Għargħur, lis-Sa Francesca Attard, li kienet ġiet maħtura Sindku ftit ġranet qabel din il-laqgħa.

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sabiex jinfurmawna li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

59.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 58 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

59.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo sekondat mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

59.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

59.3.1 Il-President informa kif għalkemm il-kuntrattur ġie notifikat bid-deċiżjoni meħuda fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, l-ebda kuntratt ma kien ġie ffirmat.

59.3.2 Hu nforma wkoll kif fit-13 ta' Lulju kienet l-iskadenza għall-kontroparti biex tippreżenta t-tweġiba tagħha għan-nota tas-sottomissjonijiet tagħna dwar l-eċċezzjoni preliminari u kif is-seduta li jmiss hija skedata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru għall-għoti tas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari.

59.3.3 Inżammet diskussjoni qasira dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti.

59.3.4 *17:07pm – Il-Kunsillier ta' Birkirkara, Dott. Luke Vella, il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, u s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, waslu għal din il-laqgħa.*

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

59.3.5 Il-President qal lill-membri kif is-sid ta' l-uffiċċju amministrattiv kien ġie infurmat li r-Reġjun aċċetta l-aħħar proposta u għal din ir-raġuni, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-avukat tar-Reġjun, Dott. Paul Radmilli, sabiex jiġi ppreparat kuntratt. L-abbozz ta' dan il-kuntratt kien wasal għand ir-Reġjun nhar il-

Ġimgħa 17 ta' Lulju 2026 u ġew mitluba li jsiru korrezzjonijiet u jitressqu domandi ta' kjarifikazzjoni qabel ma' din tiġi konkluża.

59.3.6 Il-President qal ukoll kif sadanittant, fuq talba tal-membri fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv talbet laqgħa mas-CEO tal-Awtorità ta' l-Artijiet, Robert Vella, u din ser tinżamm nhar l-Erbgħa 5 t'Awwissu 2026. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

59.4.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand il-membri tar-Reġjun.

59.5 Rapporti

59.5.1 Il-President ressaq fuq il- *Financial Quarterly Report* minn April sa Ġunju 2026, l-*Management Letter* li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-Awdituri, u r-risposta tar-Reġjun għal din il-*Management Letter.*

59.5.2 Il-Presiden qal ukoll kif dawn ir-rapporti ġew mgħoddija l-ġimgħa l-oħra b'emejl u kulħadd ġie mitlub iressaq l-mistoqsijiet tiegħu sal-Ħamis 16 ta' Lulju 2026 peress li konna nfurmati li l-accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, ma kinitx ser tkun tista tkun preżenti għal din il-laqgħa.

59.5.3 Peress li ma kienx hemm risposti bil-miktub u lanqas waqt din il-laqgħa, il-President talab l-approvazzjoni ta' dawn ir-rapporti.

59.5.4 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

- *Rapporti ta' kull kwart mill-Managers*

59.5.5 Il-President ressaq fuq il-mejda ir-rapporti bil-ħidma mill-Managers. Liema rapporti kienu iċċirkulata minn qabel.

59.5.6 Ma kien hemm l-ebda kumment mill-membri preżenti fuq dawn ir-rapporti u dawn ġew approvati b'mod unanimu.

59.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni finanzjarja*

59.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2026 dan ir-Reġjun kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja ta' €1,068,476.17.

- *Skola tal-Primarja ta' San Ġiljan*

59.6.2 Il-President ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2026 mingħand din l-iskola.

59.6.3 Wara diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri, kien hemm qbil li din l-iskola għandha tiġi nfurmata sabiex it-talba tagħha tiġi mressqa lill-Ministeru ta' l-edukazzjoni.

- *Cir AKL/007/2026 – Join the NECE Festival 2026 – Lisbon*

59.6.4 B'referenza għal din iċ-ċirkulari mingħand l-AKL il-President informa kif dan ir-Reġjun qed joffri opportunità biex persuna waħda tattendi għal dan il-Festival li ser jinżamm bejn l-14 u 16 ta' Ottubru 2026.

59.6.5 Il-President informa kif sad-data ta' l-għeluq, dan ir-Reġjun kien irċieva żewġ interessi mis-Sindku ta' Ħal Lija, Anthony Dalli, u mis-Sindku tal-Pietà, Stefano Savo. Hu informa wkoll kif is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tattendi f'isem dan ir-Reġjun flimkien ma' wieħed minn dawn il-membri. Għal din ir-raġuni, ġie mgħażul isem bix-xorti u s-Sur Dalli ser ikun qed jattendi għal dan l-avveniment.

- *Ġemellaġġ ta' Bliet CERV*

59.6.6 Il-President qal kif il-Maniger tal-Kultura kien irċieva kommunikazzjoni dwar dan fejn kienu qed jiġu mressqa żewġ proġetti proposti mmexxija minn muniċipalitajiet Spanjoli li qed ifittxu Kunsilli Lokali jew Reġjuni Maltin biex jingħaqdu bħala msieħba. Proġett wieħed jiffoka fuq il-preservazzjoni tas-snajja' tradizzjonali u l-insiġ bħala mod kif jippromwovi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-wirt kulturali, filwaqt li l-ieħor jiffoka fuq il-wirt lokali, il-memorja tal-komunità, u r-rakkont diġitali.

59.6.7 Is-Sur Chircop qal ukoll kif għal din ir-raġuni, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2026, kienet inżammet laqgħa introduttorja u ġiet imressqa applikazzjoni ta' interess sabiex dan ir-Reġjun jissieħeb f'dan il-proġett.

59.6.8 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan mill-membri preżenti.

- *Bicycle Racks u/jew Tagħmir anċillari tal-istazzjoni tat-tiswija*

59.6.9 Il-President informa lill-memberi dwar fondi għall-akkwist u l-installazzjoni tal-ammont tal-fondi mgħotija huwa 100% tal-ispejjeż kapitali li jsiru. Fondi jingħataw bil-kundizzjoni li dawn jibqgħu nstallati, aċċessibbli u miżmuma fi stat tajjeb għal perjodu ta' 3 snin.

59.6.10 Il-membri preżenti approvaw li r-Reġjun jissottometti applikazzjoni waħda f'isem dawk il-Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex dawn isiru flimkien ma' tabella informattiva. Għal din ir-raġuni ser tkun qed tintbagħat komunikazzjoni biex kull Kunsill jikkonferma l-interess tiegħu kif ukoll jindika fejn din l-għamara tistà titpoġġa.

59.6.11 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, għamel referenza għall-iskema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun fis-sena preċedenti dwar fondi li għandhom jiġu utiliżżati matul din is-sena. Hu staqsa jekk il-Kunsill jistax jissottometti d-dokumenti ta' parti minn proġett li huwa komplut.

59.6.12 Il-President infurmah sabiex jimxi mal-linji gwida u l-Kunsill jissottometti d-dokumenti kollha meħtieġa f'daqqa u mhux f'biċċiet.

- *STEAM Engagement Community Fund 2026*

59.6.12 B'referenza għal dan il-fond, il-President informa kif din is-sena qed tiġi mressqa l-idea li dan ir-Reġjun japplika permezz ta' progett li jiffoka fuq aspetti oħra ta' STEAM. Qed jiġu esplorati l-ideat ta' *board game* jew DIY Robot fejn dan ser ikun qed idur skejjel, scouts, u djar ta' l-anzjani biex b'hekk jintlaħqu generazzjonijiet differenti.

59.6.13 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

59.6.14 *17:29pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

- *President's Fund*

59.3.15 B'referenza għal dan il-fond, il-President informa li l-proposta li kienet ġiet imressqa fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun kienet ġiet sottomessa u r-riżultat għandu jiġi mħabbar lejn l-aħħar t'Awwissu 2026.

59.3.16 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Msida Waste Collection*

59.3.17 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida kienu nfurmaw lir-Reġjun li qed ikun hemm komunikazzjoni bejn il-Kunsill u l-kuntrattur sabiex l-ħin tal-ġbir ta' l-iskart minn din il-lokalità jibda fit-8am u mhux fit-8:30am. Din id-deċiżjoni għadha ser tgħaddi b'mod uffiċċjali mill-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida li jmiss, pero l-Kunsill xtaqt li dan il-punt ikun qam f'din il-laqgħa bħala approvazzjoni biex jekk ikun hemm qbil fil-laqgħa tal-Kunsill, ikunu jistgħu jipproċedu.

59.3.18 Il-President qal li dan is-servizz diġa qed jinbeda kmieni u qed ikun hemm problema bir-residenti joħorġu ż-żibel wara li jkun għadda bit-trakk. Għal din ir-raġuni l-Kunsill jemmen li r-residenti għandu jiġi nfurmat sabiex il-borża tinħareġ ħin aktar kmieni.

59.3.19 Kien hemm qbil li ġaladarba dan il-bdil ma jaffetwax ġbir ta' lokalitajiet oħra, il-Kunsill jistà jipproċedi b'dan il-ftehim u r-Reġjun ser ikun qed jipprepara tabella ta' notifika li għandha tiġi mqassma fir-residenzi kollha l-Imsida.

- *CERV Town Twinning Opportunities – Municipalities in Malta*

59.3.20 Il-President informa kif nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2026, il-Maniġer tal-Kultura, James Hamberger, kien irċieva komunikazzjoni dwar din l-opportunità.

59.3.21 Wara li din l-opportunità ġiet spjegata fid-dettal, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jissottometti applikazzjoni ta' interess f'isem il-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

- *Cosmic Connections*

59.3.22 Is-Sur Chircop informa kif it-tnedija tal-Isfera Armillari fuq il-*promenade* tal-Gżira għall-proġett tal-Fond Komunitarjua STEM ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 28 t'Awissu 2026, fis-7 ta' filgħaxija. Għal din ir-raġuni, hu talab lill-membri sabiex iżommu din id-data libera u tattendu għal din it-tnedija.

- *Evalwazzjoni tal-Kwotazzjonijiet maħruġa fuq l-EPPS*

59.3.23 B'referenza għat-tliet kwotazzjonijiet li ġew ippublikata fuq l-EPPs, il-President informa kif nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2026 l-bord kompost minnu bħala Chairperson, mis-Sur Anthony Dalli, minn Dott Kaylon Zammit, mis-Sa Yvonne Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekutti u l-Maniġer tal-Kultura, iltaqgħu biex isir l-evalwazzjoni.

59.3.24 Il-President qal kif l-unika kwotazzjoni li kienet ġiet konkluża kienet - *Printing Services for the Eastern Regional Council* – u kif it-tnejn l-oħra - *Services of a Script Writer and Copy Editor for the Eastern Regional Council* u *Tender for the Services of a Mechanical Engineer for the Eastern Regional Council* – kienu għadhom pendenti peress li kellhom isiru mistoqsijiet ta' kjarifiċi biex l-evalwazzjoni tkun konkluża.

59.3.25 Għal din ir-raġuni, il-President irrakomanda sabiex il-membri jgħatu l-approvazzjoni tagħhom waqt din il-laqgħa sabiex iħallu f'idejn dan il-bord biex ikompli bil-proċess ġaladarba l-kjarifiċi jiġu mwieġba u ma jkunx hemm għalfejn tiġi msejħa laqgħa b'urġenza jew stennija sal-laqgħa li jmiss.

59.3.26 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

59.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

59.7.2 Il-President informa kif fl-iskeda ta' pagamenti l-pagament tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart ser jinħareġ sħieħ.

59.7.3 Inżammet diskussjoni dwar is-servizz li qed jingħata minn dan il-kuntrattur bejn il-membri preżenti.

59.7.4 Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti.

59.7.5 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 56A u 56B.

59.7.6 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com*

59.8 Mozzjonijiet

59.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

59.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-17:50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

59.9.2 Kien hemm qbil ukoll mill-membri preżenti sabiex il-laqgħa numru 61 tinżamm nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2026 u l-laqgħa numru 62 tinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2026.

Konfermati, illum it-Tnejn 24 ta' Awwissu, 2026.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv